VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,487, 20 ta' Ottubru, 2015
Taqsima B

A.L. 343 tal-2015

ATT DWAR IS-SAĦĦA
(KAP. 528)

Regolamenti tal-2015 dwar il-Bord tad-Diretturi għas-Servizzi tas-Saħħa Mentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 30 tal-Att dwar is-Saħħa, is-Segretarju Parlamentari għas-Saħħa għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu. u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2015 dwar il-Bord tad-Diretturi għas-Servizzi tas-Saħħa Mentali.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-tabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"Att" tfisser l-Att dwar is-Saħħa; Kap. 528.

"Bord" tfisser il-Bord tad-Diretturi għas-Servizzi tas-Saħħa Mentali imwaqqaf bir-regolament 3;

"direttur kliniku" tfisser l-ispeċjalista responsabbli għall-kura klinika provduta minn faċilità liċenzjata kif stabbilit bl-artikolu 2 tal-Att dwar is-Saħħa Mentali; Kap. 525

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju għall-Promozzjoni tad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżordni Mentali stabbilit bl-artikolu 5 tal-Att dwar is-Saħħa Mentali; Kap. 525

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għas-saħħa;

"uffiċjal eżekuttiv ewlieni" tfisser il-persuna responsabbli għall-immaniġġar ta' faċilità liċenzjata kif stabbilit bl-artikolu 2 tal-Att dwar is-Saħħa Mentali. Kap. 525

Twaqqif tal-Bord.

3. (1) Għandu jkun stabbilit Bord, li jkun magħruf bħala l-Bord tad-Diretturi għas-Servizzi tas-Saħħa Mentali, u li jkun magħmul minn *Chairman* u dak in-numru ta' membri li ma jkunx anqas minn sitta, maħtura mill-Ministru.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Iċ-*Chairman* u l-membri tal-Bord maħtura mill-Ministru għandhom jinkludu:

(a) membru mill-professjoni medika;

(b) membru mill-professjoni tal-infermiera;

(ċ) membru mill-professjonijiet li jaqgħu taħt id-Direttorat tal-*Allied Health Care Services*;

(d) membru mill-professjoni tal-finanzi;

(e) membru mill-pubbliku;

(f) membru li jirrappreżenta lill-Ministru;

(g) *ex officio* id-direttur kliniku tal-Isptar Monte Karmeli bħala membru mingħajr vot;

(h) *ex officio* l-uffiċjal eżekuttiv ewlieni tal-Isptar Monte Karmeli bħala membru mingħajr vot.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament, il-kariga ta' membru tal-Bord issir vakanti -

(a) meta jiskadi ż-żmien ta' tliet snin mid-data tal-ħatra tiegħu jew f'dik id-data li tiġi qabel skont ma jista' jiġi speċifikat fl-istrument li bih ikun inħatar; jew

(b) meta tinqala' xi ċirkostanza li, kieku persuna ma kinitx membru tal-Bord, kienet iġġib l-iskwalifika tagħha għal dik il-ħatra.

(4) Membru tal-Bord jista' jitneħħa mill-kariga mill-Ministru jekk, fil-fehma tal-Ministru, dak il-membru ma jkunx idoneu biex ikompli f'dik il-kariga jew ikun sar inkapaċi milli jwettaq kif imiss dmirijietu bħala membru, kemm jekk minħabba f'nuqqas ta' saħħa tal-moħħ jew tal-ġisem jew għal xi raġuni oħra, jew minħabba f'imġiba ħażina.

(5) Il-Bord għandu jkun responsabbli biss lejn il-Ministru għall-mod kif jaqdi d-dmirijiet tiegħu.

(6) Iċ-*Chairman* għandu jingħata remunerazzjoni nominali li tkun speċifikata fl-istrument li bih ikun inħatar. M'għandu jkun hemm ebda remunerazzjoni għall-membri l-oħra tal-Bord.

Laqgħat tal-Bord.

4. (1) Il-laqgħat tal-Bord għandhom jissejħu miċ-*Chairman* skont kemm ikun meħtieġ għat-twettieq tal-funzjonijiet tal-

VERŻJONI ELETTRONIKA

istess Bord, imma mhux anqas minn darba f'xahar, kemm b'inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba ta' tnejn mill-membri l-oħra.

(2) Nofs il-għadd ta' membri li f'dak iż-żmien ikunu jikkostitwixxu l-Bord għandhom jagħmlu kworum. Id-deċiżjonijiet għandhom jiġu adottati minn maġġoranza sempliċi tal-voti tal-membri preżenti u li għandhom il-vot. Iċ-*Chairman*, jew fl-assenza tiegħu l-Viċi-*Chairman* jew xi persuna oħra li tkun qed tippresjedi l-laqgħa, għandu jkollhom vot inizjali u fil-każ ta' voti ndaqs, it-tieni jew vot deċiżiv.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Att u, jew ta' dawn ir-regolamenti, il-Bord jista' jirregola l-proċedura tiegħu stess.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan ir-regolament, ebda att jew proċediment tal-Bord ma għandu jiġi invalidat unikament minħabba f'li jkun hemm xi vakanza fost il-membri.

Funzjonijiet u responsabbiltajiet tal-Bord.

5. (1) B'mod ġenerali għandha tkun ir-responsabbilità tal-Bord li jagħti pariri lill-Ministru dwar l-ogħla livell tal-viżjoni strateġika għas-servizzi tas-saħħa mentali offruti mis-sistema pubblika tas-saħħa, inkluż fl-Isptar Monte Karmeli, kif ukoll li jassigura illi l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet eżekuttivi jkun qed isegwi dik l-istess viżjoni strateġika.

(2) B'mod partikolari, il-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-Bord għandhom jinkludu:

(a) li jistabbilixxi miri u għanijiet li jistgħu jitkejlu għas-servizzi tas-saħħa mentali;

(b) li jagħti pariri lill-Ministru dwar l-istrateġiji u l-għanijiet għas-servizzi tas-saħħa mentali;

(ċ) jikkopera ma' organizzazzjonijiet lokali u internazzjonali involuti fis-saħħa mentali dwar kwistjonijiet fil-kompetenza tiegħu;

(d) iwettaq dik il-funzjoni jew funzjonijiet oħra li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi u jordna;

(e) jimplimenta kwalunkwe materja oħra meħtieġa għat-twettiq tal-missjoni tal-Bord, u għall-eżekuzzjoni tad-dmirijiet li jappartjenu lill-Istat:

Iżda r-responsabbiltà klinika għas-servizzi tas-saħħa mentali għandha tibqa' vestita fid-direttur kliniku kif stabbilit fl-Att Kap. 525

VERŻJONI ELETTRONIKA

dwar is-Saħħa Mentali:

Iżda wkoll, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 3, ir-responsabbilità tal-amministrazzjoni u l-immaniġġjar għandha tibqa' vestita fl-uffiċjal eżekuttiv ewlieni kif stabbilit fl-Att dwar is-Saħħa Mentali:

Kap. 525

Iżda wkoll, bla ħsara għal kull dispożizzjoni fi kwalunkwe liġi oħra u, jew fl-istrument li bih ikun inħatar, minbarra d-dmirijiet u r-responsabbilitajiet l-oħra tiegħu, hija r-responsabbilità tal-uffiċjal eżekuttiv ewlieni li jimplimenta d-deċiżjonijiet meħuda mill-Bord dwar l-operat tas-servizzi tas-saħħa mentali:

Iżda fl-aħħarnett, ebda dispożizzjoni f'dawn ir-regolamenti m'għandu jkollha effett fuq id-dmirijiet u r-responsabbilitajiet vestiti fil-Kummissarju.